# To Wenzu With Love

## Kilin




**Sa Elizabeth Dimech Ghirxi**
**Skola St Joseph, Tas-Sliema**





Sabiħa Londra, Wenz, u l-ġonna faru

bi ħdura u fjuri li bil-ferħ jimlewk.

Imma fittixt u dort l-irkejjen kollha,

u mkien ma stajt insib bajtar tax-xewk!










Hawn pontijiet, mużej u katidrali,

toroq u pjazez kbar, palazzi sbieħ,

imm’għad ma rajtx il-blat miksi bis-sagħtar

u mkien għadni ma rajt ħajt tas-sejjieħ.







Is-siġar tal-ballut slaten fl-għelieqi,

għalkemm bilkemm tarahom mit-tren maħrub;

u qalbi qed tixxennaq għax-xemx taqli

w għad-dell li jarmu s-siġar tal-ħarrub.











Fil-parks hawn sinfonija tal-għasafar,

jgħanni djamanti sbieħ u lewlu rqiq;

u jien waqqaft widnejja u qgħadt nissamma',

nistenna għalxejn żarżira ta' werżieq.






Hawn il-miljuni jgħammru dil-belt kbira,

imma kull wieħed serju, jgħix għalih

u nixtieq nisma’ daħka tfaqqa’ sħiħa,

u nisma’ kliem il-Malti jdoqq sabiħ.











L-Ingliżi għandhom ikel kollu benna,

li bih jissaħħu u wiċċhom isir nar;

u jien nixxennaq riħa ta' bżar aħdar,

ta' ħobż biż-żejt, tadam u ftit kappar.







Il-qniepen t’hawn idoqqu bis-sistema,

bil-matematika mkejla l-inqas nota;

u jien nibki t-taħwida tad-daqq tagħna,

u fl-arja b’ferħ sfrenat tirtogħod il-mota.











Ix-xmara Thames tiftaħar bl-aqwa imperu
u fuq sidirha għaddej il-kummerċ sfiq;
’mma l-ilma tagħha griż u xejn ma jixbah
l-ikħal nadif u fond f’Wied iż-Żurrieq.





